**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 669/19**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**Vs**

**Dylan Mc Kay**

**Illum 22 ta' Frar 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta 'Dylan Mc Kay, iben Anthony u Rachel neè Galea, imwieled il-Pietà, Malta, nhar is-17 ta 'Frar 1994, residenti Flat 3, Paxos Court, Triq Mater Boni Consigli, Fgura, u detentur tal-Karta ta 'l-Identità bin-Numru 0152494(M), talli nhar it-2 ta 'Novembru 2019, għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta 'filgħodu (3:30a.m.) u l-ħinijiet ta 'qabel, ġewwa l-istabbiliment Havana fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Warren Farrugia, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0502291(M), f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura gravi;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti toħroġ Ordni ta 'Protezzjoni kontra l-imputat għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta 'Warren Farrugia, jew għaż-żamma ta 'l-ordni pubbliku, jew għall-iskop ta 'protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża 'ta 'vjolenza u dan ai temrini ta 'l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ taħ 'tija, il-Qorti, minbarra li tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta 'Esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa 'Dok. "G" a fol. 3 sa '10 tal-proċess;

Rat l-Ordni ta 'Protezzjoni datat 2 ta 'Novembru 2019, maħruġ fil-konfront ta 'l-imputat għas-salvagwardja ta 'Warren Farrugia;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta 'l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Semgħet ix-xhieda ta 'l-Ispettur Joseph Xerri mogħtija waqt is-seduti tat-12 ta ' Novembru 2019[2] u tat-18 ta 'Diċembru 2019[3] u rat id-dokument, ossia estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid ta 'l-imputat, esebit mill-Ispettur Joseph Xerri markat Dok. "JX1" a fol. 63 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta 'Warren Farrugia[4], ta 'James Mallia[5], tat-Tabib Dr. Cheryl Kay Cachia[6] u ta 'PC1023 Fabrizio Farrugia[7] ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta 'Novembru 2019 u semgħet ix-xhieda ta 'Joseph Rivans mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta 'Diċembru 2019[8], semgħet ix-xhieda ta ' PS1540 Edmond Fenech mogħtija waqt is-seduta ta 'l-10 ta 'Jannar 2020[9] u x-xhieda ta' l-Espert Mediku t-Tabib Dr. Mario Scerri mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta 'Frar 2020[10] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "MS" a fol. 77 sa '87 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta 'l-imputat mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta 'Jannar 2021[11];

Rat in-Nota ta 'Rinviju għall-Ġudizzju ta 'l-Avukat Ġenerali datata 17 ta 'Jannar 2020[12], permezz ta' liema bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 214, 215, 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 328A, 383, 384, 385 386, 412Ċ u 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tat-18 ta' Frar 2020, il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha u wara li l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, inqraw l-Artikoli;

---

[1] Fol. 25 tal-proċess.
[2] Fol. 31 u 32 tal-proċess.
[3] Fol. 62 tal-proċess.
[4] Fol. 33 sa' 42 tal-proċess.
[5] Fol. 43 sa' 49 tal-proċess.
[6] Fol. 50 u 51 tal-proċess.
[7] Fol. 52 tal-proċess.
[8] Fol. 60 u 61 tal-proċess.
[9] Fol. 65 sa' 71 tal-proċess.
[10] Fol. 76 tal-proċess.
[11] Fol. 102 sa' 111 tal-proċess.
[12] Fol. 73 tal-proċess.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar it-2 ta 'Novembru 2019, għall-ħabta tat-3:30a.m. u l-ħinijiet ta 'qabel, ġewwa l-istabbiliment Havana fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta 'Warren Farrugia, detentur tal-Karta ta 'l-Identità bin-Numru 0502291(M), f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta 'natura gravi.

L-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta 'l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Permezz ta 'Nota ta 'Rinviju għall-Ġudizzju datata 17 ta 'Jannar 2020, l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 214, 215, 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 328A, 383, 384, 385 386, 412Ċ u 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'dawn il-proċeduri xehdu s-segwenti:

- L-**Ispettur Joseph Xerri**[13] illi xehed li fit-2 ta' Novembru 2019, għall-ħabta tat-3:30a.m., ċertu Warren Farrugia kien avviċina lill-Pulizija stazzjonati Paceville u dan kien jidher li kellu ferita f'rasu. Dana Farrugia kien qalilhom li huwa kien qiegħed ġewwa Havana Club u hemmhekk ġie aggredit minn ċertu Dylan Mc Kay. Il-Pulizija rrikorrew Havana Club, ġie identifikat Dylan Mc Kay u konsegwentement arrestat u tniżżel l-Għassa ta' San Ġiljan fejn iktar tard ġie mitkellem mill-Spettur Xerri. Filwaqt li Dylan Mc Kay kien irrifjuta l-jedd għall-assistenza legali[14], huwa ma kienx wieġeb għall-mistoqsijiet li sarulu fir-rigward ta' l-allegat inċident[15]. Sussegwentement, ossia fit-2 ta' Novembru 2019, Dylan Mc Kay, li l-Ispettur għarfu bħala l-imputat odjern, tressaq il-Qorti b'arrest fejn ġie mixli bl-imputazzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri.

- **Warren Farrugia**[16] illi xehed li fit-2 ta' Novembru 2019 huwa u ħabib tiegħu, ċertu James Mallia, kienu qegħdin ġewwa l-istabbiliment Havana f'Paceville u f'ħin minnhom, x'ħin kienu sejrin it-toilet, f'daqqa waħda, jew aħjar kif jgħid l-istess Farrugia *in a split of a second, nara lil Dylan Mc Kay,* illi għarfu bħala l-

[13] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2019, fol. 31 u 32 tal-proċess.
[14] Dok. "F" a fol. 9 tal-proċess.
[15] Dok. "G" a fol. 10 tal-proċess.
[16] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2019, fol. 33 sa' 42 tal-proċess.

imputat odjern, *garali tazza mill-viċin għal ġo moħħi. … Kien bit-tazza f'idejh u rajtu jgara t-tazza. Jiena mbagħad x'ħin dort qisni bid-demm li kelli naf li x'ħin ħarist rajtu ħdejja lil Dylan u kien hemm James Mallia u ħariġni mill-ewwel għaliex kien ħiereġ id-demm.* Farrugia spjega li huwa kien qiegħed mal-bar ta' wara ta' Havana ma' ġenb il-ħġieġ u li kien ra lill-imputat fl-istess stabiliment ma sħabu. Huwa jemmen li hekk kif kien sejjer it-toilet ma' James Mallia, l-imputat wisq probabbli rah. Farrugia stqarr li *konna mexjin lejn it-toilet, hemm il-kolonna bejn nofs qisu Havana faċċata tal-VIP ta' Havana u hemmhekk ġara l-każ.* Xehed ukoll li dik is-serata, qabel l-allegat inċident, ma kien inqala' u ngħad xejn bejnu u l-imputat. Fir-rigward dwar jekk kienx jaf lill-imputat minn qabel, Warren Farrugia xehed illi *dan qabel ilu ħafna ġieli konna inkunu flimkien imma qisu qatt ma konna close taf kif imma just konna nkunu flimkien. … just kien ikun dejjem magħna. Konna nkunu dejjem flimkien qisu fi grupp. … 8 years ago.* Mistoqsi qattx kien hemm kwistjonijiet preċedenti bejnu u l-imputat, Warren Farrugia wieġeb *ifhimni dan qatt ma kien hemm affari li tgħid għamilna xi ħaġa, kemm hu u kemm jiena. Jiġifieri din il-ħaġa ma nafx il-għala waslet s'hawnhekk. … M'ilux ftaħt każ ieħor għaliex kien heddidni b'theddid ta' bomba u hu wkoll waddab bott żebgħa mal-bieb tad-dar t'ommi u issa għandi l-Qorti nhar il-Ħamis li ġej suppost. Kif spiċċajt wara dan l-inċident ftaħtlu każ ieħor u qiegħed illum preżenti hawn.* Mistoqsi meta ġara l-każ l-ieħor li jikkontendi li għandu ma' l-imputat, Warren Farrugia wieġeb li dan seħħ f'Ġunju 2019. Warren Farrugia kompla jispiega li wara li qala' d-daqqa ta' tazza, huwa mar ħdejn il-Pulizija, sejjħu għall-ambulanza peress li kellu ferita kbira fuq moħħu fuq in-naħa tal-lemin u ttieħed bl-ambulanza l-Isptar Mater Dei fejn sarulu sitt punti. Meta ġie muri id-dokument markat Dok. "E" a fol. 8 tal-proċess, Warren Farrugia ikkonferma li huwa ċ-ċertifikat rilaxxat dwar il-ġrieħi li kellu.

In kontro-eżami, rinfaċċjat bl-affermazzjoni li ġewwa l-istabiliment Havana jintużaw biss tazzi tal-plastic u mhux tazzi tal-ħġieġ, Warren Farrugia ċaħad dan u qal li dan mhux veru tant illi dakinhar huwa stess kien xorob minn tazza tal-ħġieġ. Warren Farrugia saħaq u qal li huwa mija fil-mija ċert li kien l-imputat li tah id-daqqa ta' tazza. Xehed illi *jiena wara li tani daqqa ta' tazza ħarist għaliex inti bla ma trid ovvja li se tħares u x'ħin qed nimsaħ id-demm narah jiġifieri ħdejja eżatt.* Mistoqsi jekk rax lill-imputat qabel jew wara li qala' id-daqqa, Farrugia wieġeb *wara d-daqqa rajtu u anke qabel.* Mistoqsi *jiġifieri qabel ma rajtu se jwaddablek it-tazza inti ħallejtu jwaddabielek?* Warren Farrugia wieġeb *le, le, għaliex dan kollu ġara in a split of a second. Meta tħares, tarah, tani d-daqqa u erġajt ħarist u rajtu hemmhekk.* Mistoqsi jekk biex imur it-toilet kellux bilfors jgħaddi minn quddiem fejn kien l-imputat, Warren Farrugia wieġeb *hu kien qiegħed fil-VIP, jiena dort minn wara l-kolonna biex żgur ma nagħmilx kuntatt miegħu u ma ngħaddix minn ħdejh u hu rani u wisq probabbli niżel u ma nafx x'ġara eżatt.* Rinfaċċjat mid-Difiża bl-affermazzjoni *naħseb li taf għaliex inti għidtilna li rajtu jiġifieri aħjar tgħidilna eżatt x'rajt għaliex jiena naħseb li ma rajtux*, Warren Farrugia wieġeb *jiena ċert li rajtu 100% kien fil-VIP. Jiena għaddejt minn wara l-kolonna biex ma ngħaddix eżatt minn quddiem il-VIP ħalli ma jkunx hemm kuntatt bejnietna u ġara dak li ġara mbagħad. Wisq probabbli hu niżel mill-VIP u tani d-daqqa. … kien hemm il-kolonna eżatt. Jiena x'ħin qbiżt eżatt il-kolonna ġara mbagħad.* Tenna li *kien hemm il-kolonna quddiem il-VIP u jiena għaddejt minn warajha ħalli żgur ma*

*jkunx hemm kuntatt miegħu u x'ħin eżatt qbiżt il-kolonna ħassejt id-daqqa ta' tazza ma' moħħi.* Mill-ġdid rinfaċċjat mid-Difiża bl-affermazzjoni li *mela nerġa' ngħidlek illi ma rajtux jagħtihielek id-daqqa ta' tazza hux hekk? Inti ħassejt id-daqqa, dort u rajt lilu hux hekk?*, Warren Farrugia saħaq li *jiena rajtu niżel imma qisek ma tkunx taf. X'ħin dort imbagħad nara lilu preżenti hemmhekk ħdejja.* Mistoqsi allura jekk huwiex qed jippreżumi li għaliex l-imputat kien ħdejh allura d-daqqa tahielu hu, Farrugia wieġeb *le, id-daqqa hu tahieli żgur.* Warren Farrugia xehed ukoll li dakinhar l-imputat kien ma' grupp ta' nies, kienu madwar ħamsa jew sitta u kien hemm uħud minnhom li kien jafhom hu wkoll peress li hu u l-imputat jafu lill-istess nies. Xehed ukoll li kien hemm minnhom li wara li qala' d-daqqa ta' tazza kienu bagħtulu messaġġi biex jaraw kif inhu. Tenna li qatt *ma kien hemm affari li tgħid kellna xi ngħidu fuq xi ħaġa jew hekk. … Jiena dan il-persuna xorta nibqa' ngħid li jiena qatt ma kelli ħaġa li jiena għamiltlu.*

- **James Mallia**[17] illi xehed li dakinhar ta' l-allegat inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, hu kien qiegħed fl-istabiliment Havana ġewwa San Ġiljan, flimkien ma' Warren Farrugia. Xehed illi x'ħin hu u Warren Farrugia kienu sejrin lejn it-toilets ta' l-istabiliment, *rajna lil Dylan Mc Kay jagħti daqqa ta' tazza. Waddabha jiġifieri t-tazza. … Waddabha mill-viċin lil Warren Farrugia u jiena kont hemm.* Mistoqsi minn waddab din it-tazza lil Warren Farrugia, James Mallia tenna li kien Dylan Mc Kay li għarfu bħala l-imputat f'dawn il-proċeduri. Huwa kompla jgħid illi mad-daqqa, skontu fuq in-naħa tax-xellug ta' moħħ sieħbu, Warren Farrugia *kellu ħafna demm u jiena ppanikkjajt ħafna dak il-ħin. Imbagħad ħriġna barra u mxejna minn hemmhekk. Sibna lill-Pulizija u ġiet l-ambulanza. … Imbagħad morna l-isptar u għamilna sas-7:00 ta' filgħodu hemmhekk sakemm jagħmlulu l-punti u l-affarijiet u kollox.* Mistoqsi jekk qabel ma qala' d-daqqa ta' tazza Warren Farrugia kellux xi jgħid ma' l-imputat, James Mallia wieġeb fin-negattiv. Mistoqsi *imbagħad inti wara li rajt lil Dylan jagħti daqqa ta' tazza lil Warren, lil Dylan x'rajtu jagħmel? U din li qed tgħid tazza taf x'ġara minnha?* James Mallia wieġeb *xejn baqa' l-istess, ma għamel xejn. … Ma nafx, irmied saret din it-tazza għaliex dak il-ħin imbagħad tippanikkja u ma tkunx taf x'ħa taqbad tagħmel.*

  In kontro-eżami James Mallia kkonferma li lill-imputat kien jafu qabel din l-okkażjoni u li anke kien jafu Warren Farrugia. Xehed ukoll illi kien jaf li Warren Farrugia u l-imputat kellhom problemi bejniethom iżda ma kienx jaf eżatt x'inhuma għaliex Farrugia ma qallux. Mistoqsi jekk hux minnu li Havana jservu biss f'tazzi tal-plastic, James Mallia wieġeb li jservu anke f'tazzi tal-ħġieġ kif ukoll fi fliexken, li anke ġieli xorob minnhom hu stess.

- **Dr. Cheryl Kay Cachia**[18] illi kkonfermat li hija kienet invistat lil Warren Farrugia fit-2 ta' Novembru 2019 għall-ħabta ta' l-4:30a.m. Ikkonfermat iċ-ċertifikat maħruġ minnha esebit bħala Dok. "E" a fol. 8 tal-proċess u li lil Warren Farrugia rrikonstratlu *a laceration wound to the right frontal head measuring*

[17] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2019, fol. 43 sa' 49 tal-proċess.
[18] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2019, fol. 50 tal-proċess.

*approximately around 4 centimetres*. Miċ-ċertifikat jirriżulta li hija ikklassifikat dawn il-ġrieħi bħala *grevious*.

- **PC1023 Fabrizio Farrugia**[19] illi xehed li *fil-lejl ta' bejn l-1 ta' Novembru u it-2 ta' Novembru tas-sena 2019, għall-ħabta tat-3:15 ta' filgħodu, ġie fejn il-prison van is-Sur Warren Farrugia fejn kellu fetħa fuq moħħu fuq in-naħa tal-lemin u spjega illi ċertu Dylan Mc Kay kien tah daqqa ta' tazza fil-Havana Club f'Paceville. Jiena min-naħa tiegħi ċempilt għall-assistenza ta' ambulanza u infurmajt lis-Surġent PS1540. Wara ftit tal-ħin l-ambulanza ġiet fuq il-post fejn dewwew lill-vittma fuq il-post u ftit tal-ħin wara wasal ukoll is-Surġent 1540.*

- **Joseph Rivans**[20] illi jaħdem fl-istabbiliment Havana, xehed illi dakinhar ta' l-allegat inċident *kont l-uffiċċju, għajtuli minn isfel u x'ħin inżilt kien hemm is-surġent u qalli "tafu lil Dylan Mc Kay?" Dak il-ħin ma ġiex f'moħħi min hu, urieni ritratt u għedtlu "iva". Qalli, "tista' titla' tgħidlu jinżel?". Jiena tlajt fuq fittixtu u għedtlu "jridek is-Surġent."* Joseph Rivans għaraf lill-imputat bħala Dylan Mc Kay. Mistoqsi dwar kif jisserva x-xorb fl-istabiliment Havana, Joseph Rivans wieġeb *fit-tazzi tal-plastik*. U għall-mistoqsija *fit-tazzi tal-ħġieġ jiġu servuti?* huwa wieġeb *tal-ħġieġ normalment tazzi tax-xampanja u xi shooter glasses*.

- **PS1540 Edmond Fenech**[21] illi xehed li *nhar it-2 ta' Novembru tas-sena 2019, għall-ħabta ta' bejn it-3:15a.m. u t-3:30a.m., ġie ċertu persuna Warren Farrugia detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 502291(M), fejn kellu daqqa kbira ġo wiċċu fejn stqarr illi ċertu persuna Dylan Mc Kay kien tah daqqa b'xi tazza ġewwa Havana Club u kien ikkaġunalu dawk il-ġrieħi li aħna konna qed naraw quddiemna. Aħna morna quddiem il-Havana fejn hemmhekk kien hemm ic-Chief Security u li jieħu ħsieb il-post, Joseph Rivans, u għidtlu li ġara dan l-inċident fil-bar tan-nofs u għidtlu ħalli ma jidħlux ħafna Pulizija għidtlu biex jitla' hu u jgħidlu biex jinżel. In fatti hekk kien ġara u kif is-Sur Joseph Rivans sab lil Dylan Mc Kay fil-Havana, aħna konna qed nistennew isfel u s-Sur Dylan Mc Kay*, illi għarfu bħala l-imputat f'dawn il-proċeduri, *lili qalli biex nagħmlu xogħlna u biex niskużawh u jiena ħadtu l-Għassa ta' San Ġiljan. Kif tajtu d-drittijiet tiegħu eċċ hu rrifjuta li jitkellem però mbagħad qalli li hu ma kien se jgħid xejn u jiena kelli nieqaf hemmhekk ovvjament u avżajt lill-Ispettur b'li kien ġara.* Fir-rigward tal-ġrieħi li ra fuq Warren Farrugia, PS1540 Edmond Fenech xehed illi huwa ra li kellu daqqa kbira fuq moħħu. Ikkonferma ukoll illi r-rapport tal-Pulizija dwar il-każ, esebit bħala Dok. "D" a fol. 6 u 7 tal-proċess, kien għamlu hu.

  In kontro-eżami PS1540 Edmond Fenech ikkonferma li dakinhar Warren Farrugia kien akkumpanjat minn James Mallia u ddikjara li Warren Farrugia ma tahx dettalji dwar kif kien spiċċa bid-daqqa ta' tazza f'moħħu. Spjega wkoll li il-Pulizija ma kienx daħlu fl-istabiliment Havana wara li Warren Farrugia qalilhom li kien qala' daqqa ta' tazza mingħand Dylan Mc Kay, biex ma jidħlux ħafna

[19] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2019, fol. 52 tal-proċess.
[20] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Diċembru 2019, fol,. 60 u 61 tal-proċess.
[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Jannar 2020, fol. 65 sa' 71 tal-proċess.

Pulizija fl-istabiliment u joħolqu paniku hemm ġew. PS1540 Edmond Fenech ikkonferma li minn x'ħin tkellem magħhom Warren Farrugia, huma kienu qed iqisu lill-imputat bħala s-suspettat f'dan il-każ u ddikjara li għalkemm fir-rapport tiegħu huwa niżżel kumment li għadda Dylan Mc Kay fis-sens "agħmlu xogħolkom skużawni", liema kumment għaddih qabel ma kien ingħata t-twissija, dana Dylan Mc Kay fl-ebda ħin ma kien b'xi mod ammetta li huwa kien ta daqqa ta' tazza lil Warren Farrugia.

- **It-Tabib Dr. Mario Scerri**[22], Espert Mediku nominat fil-mori ta' dawn il-proċeduri, illi xehed li fuq ordni tal-Qorti huwa kien eżamina lil Warren Farrugia, fejn dan Farrugia allega li waqt li kien qiegħed fl-istabbiliment Havana ġewwa Paceville kien qala' daqqa ta' flixkun mingħand l-imputat. Dana Farrguia spiċċa b'ċikatriċi fuq in-naħa tal-lemin tal-moħħ, b'riżultat ta' laċerazzjoni, riżultat ta' *blunt trauma* u din tibqa' bħala marka permanenti fil-wiċċ u tidher *from within talking distance*. Dak konstatat u konkluż mill-Espert Mediku t-Tabib Dr. Mario Scerri jinsab fir-Relazzjoni tiegħu esebita a fol. 77 sa' 87 tal-proċess.

- **L-imputat**[23] illi xehed li *jiena prattikament kont qed nixrob qabel ġewwa club, jiena sħabi telqu u jiena mort il-Havana. Jiena onestament, Sinjura Maġistrat, ma nafx kif għax din jiena mort nixrob ġo Havana u akkużawni fejn ġie fuqi s-security u staqsieni jekk jienx Dylan Mc Kay u jiena għidtlu iva, qalli ejja miegħi s'isfel. Jiena mort, spiċċajt arrestat u mort għaxart ijiem il-ħabs għalxejn. … Qaluli għaliex tfajt xi ħaġa lil Warren Farrugia. … L-Ispettur Xerri qalli li jiena waddabt xi ħaġa jew għamilt freġu lil Warren Farrugia.* Mistoqsi fejn kien qiegħed ġewwa Havana, l-imputat iddikjara *jiena kont fejn bażikament hemm bar twil u jiena kont hawnhekk fil-kantuniera. … Jiena bqajt waħdi mbagħad għax sħabi telqu u jiena għidt ħa nagħmel siegħa oħra hemmhekk u ninżel id-dar bil-kwiet.* Għall-mistoqsija tad-Difensur tiegħu *issa inti smajtu jixhed lil din il-persuna li qed jgħid li qala' daqqa ta' oġġett iebes (hu qal tazza jew flixkun). Ejja nibdew minn hawnhekk. Inti x'kont qed tixrob?* l-imputat wieġeb li dakinhar huwa kien xorob vodka bl-orange. Mistoqsi fiex jiġi servut dan id-drink, wieġeb f'tazza tal-plastic dejjem. Iddikjara li din hija ħaġa li jagħmlu ġewwa l-istabiliment Havana *biex eżattament ma jiġrux dawn l-affarijiet u ħadd ma jweġġa' u biex jevitaw dawn l-inċidenti.* Fir-rigward dwar jekk jafx lil Warren Farrugia, l-imputat iddikjara *ifhimni Malta żgħira u kulħadd jaf lil xulxin jiġifieri jiena nafu u ġieli rajtu barra, anzi ġieli kellimtu. Jiena lil dan Warren anzi lest li naħfirlu għax qiegħed jakkużani għalxejn.*

  Għall-affermazzjoni tad-Difensur tiegħu *mela hu qed jgħid illi hekk ġara illi int waddabtlu dan l-oġġett li ma kienx jaf jekk kinitx tazza jew flixkun apparentement,* l-imputat irreaġixxa billi ddikjara *irrelevanti naħseb din għaliex dan qed iwaħħal fija għalxejn. Hu qed jgħid li hu żgur li jiena u jiena qed ngħid żgur li mhux jiena, mija fil-mija. Spiċċajt fuq l-internet b'ismi jidher jien għalxejn.* Għall-mistoqsija ulterjuri tad-Difensur tiegħu *skont dejjem dan is-Sinjur Warren, fil-mument tal-inċident, inkiser xi ħġieġ li ma kienx jaf jekk hux tazza jew flixkun. Inti din tal-ħġieġ tiftakarha?* l-imputat wieġeb *jiena ma rajtx*

[22] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Frar 2020, fol. 76 tal-proċes

[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2021, fol. 102 sa' 111 tal-proċess.

*inċidenti jsiru.* L-imputat ikkonferma li huwa jiffrekwenta l-Havana Club ta' spiss u li dakinhar ta' l-allegat inċident għalkemm il-post kien għad fih in-nies ma kienx "jam-packed" *kien ippressat u ma nafx kif jiena qiegħed hawnhekk mal-bar tal-kantuniera u lil dan Warren li kif qal kien sejjer it-toilet u qala' daqqa ta' xi ħaġa. Ma nafx kif jiena minn hawn stajt nagħmel hekk.* Mistoqsi mill-Qorti jekk innutax xi kommossjoni dakinhar ta' l-akkadut, l-imputat wieġeb *jiena ngħidlek il-verità kien hemm 2 tfajliet dak il-ħin u bdejt inkompli magħhom u ma bdejt nagħti kas xejn u ma ġara xejn. Kif qed ngħidlek, ġie s-security fuqi u staqsieni jekk jienx Dylan Mc Kay u jiena għidtlu iva u qalli biex ninżel miegħu u jiena għidtlu mela le. Kieku naħseb għamilt xi ħaġa jiena kieku kont nitlaq 'l hemm jew ħa nara x'ħa nivvinta.*

Fir-rigward tal-fatt li meta ħareġ ħdejn il-Pulizija huwa skuża ruħu u qalilhom biex jagħmlu xogħlhom, l-imputat iddikjara *jiena nikkonferma dak il-kliem imma ismagħha ġejja. Jiena nżilt it-taraġ, qaluli inti Dylan Mc Kay u jiena għidtilhom iva, qbadt neħħejt l-affarijiet, qalli le, le u għidtlu għamlu xogħlkom imma b'daqshekk m'għandux x'jaqsam il-kliem jiddawwar.* Dwar il-fatt li Warren Farrugia dakinhar ta' l-allegat inċident kien ma' persuna oħra li ukoll qed jgħid li l-imputat weġġa' lill-imsemmi Farrugia, l-imputat iddikjara li *lill-ieħor ma nafux, lanqas għandi idea tiegħu. Jiena għalija qed iħawdu bejniethom u qed iwaħħlu fija u jiena emminni m'għandix idea tagħha.* Fir-rigward ta' dak li qal Joseph Rivans dwar fiex jisservew *drinks* ġewwa Havana Club, l-imputat iddikjara *qal li huma jservu f'tazzi tal-plastic. Jiena tazza tal-plastic kelli, issa ma nafx jekk forsi din it-tazza tal-plastic jekk xi ħadd waddabielu, weġġgħetu daqshekk u fejn kont jien ma tgħidx kont ma' ġenbu u forsi waħħal fija ħa ngħid hekk għaliex kont ma' ġenbu. Jiena lanqas biss rajtu.* Mistoqsi jekk kienx ra lil Warren Farrugia ġewwa Havana qabel ma' inqala' l-inċident, l-imputat wieġeb fin-negattiv u qal *le, jiena ma tajtx kas. Jiena mmur fejn noqgħod is-soltu mal-bar u bdiet tibgħatli waħda.* Dwar ma' min kien hu f'dak il-ħin, l-imputat iddikjara *kulħadd jaf lil xulxin ġo club. Jiena just kien hemm tnejn u qgħadt ħdejhom imbagħad u dak kollox.*

In kontro-eżami, mistoqsi jekk qabel dan l-inċident qattx kellu inċidenti ma' Warren Farrugia, l-imputat wieġeb *Malta żgħira u nafu imma inċidenti qatt ma kien hemm.* Mistoqsi *jiġifieri tiċħad li kien hemm proċeduri kontrik dwar inċident ta' qabel kontra dan Warren Farrugia?* l-imputat wieġeb *iva, fil-Qorti hemm imma nerġa' ngħidlek, dan qed iwaħħal fija jekk tista' tgħid fuq ħaġa oħra għax jiena lil dan qatt m'għamiltlu xejn.* Mistoqsi ulterjorment *din l-ewwel darba li inti tressaqt il-Qorti fuq tħeddid u insulti ma' persuni oħra?* l-imputat wieġeb *ma' persuni oħra l-ewwel darba din iva.* Rinfaċċjat bil-mistoqsija *jekk ngħidlek li tressaqt fuq inċident simili Ħaż-Żabbar u qiegħda imniżżla fil-fedina penali, xi tgħidli? ... Fuq inċident fejn inġurjajt jew heddidt persuni, Josephine Camilleri*, l-imputat wieġeb *dik l-ex-tfajla ta' missieri, mara insomma. Missieri iġġieled magħha u lanqas naħseb tlajna l-Qorti dik jiġifieri.* Rinfaċċjat bil-fatt li hemm indikat fil-fedina penali tiegħu li huwa tressaq il-Qorti dwar dan l-inċident ma' Josephine Camilleri, Dylan Mc Kay wieġeb *lanqas naf biha jiena u llum inkellimha u naħseb anke missieri jkellimha jiġifieri it is a minor accident min-naħa tagħha u min-naħa tiegħi wkoll alright imma dik x'għandha x'taqsam, lanqas naf biha jien.* L-imputat tenna l-posizzjoni tiegħu li huwa ma għamel

assolutament xejn lill Warren Farrugia u rinfaċċjat bil-fatt li qatt ma pprotesta l-innoċenza tiegħu fil-ħin ta' l-arrest, l-imputat qal *onestament ma xtaqtx ngħid xi kliem li forsi jiġini kontrija kif jgħidulek. Jiena afdajt fl-avukat u nirringrazzjah li qiegħed miegħi u dak kollox. Jiena nemmen li għandi noħroġ liberat, avolja ma nistax nikkmanda lilek Sinjura Maġistrat, imma nemmen li għalfejn għandi neħel xi ħaġa meta jiena lanqas biss għamiltlu xejn. Mhux vera għamiltlu, hu qed jigdeb u ġibu f'wiċċi u ngħidlu.* Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni *jiġifieri inti qed tgħid li għandna nemmnu lilek u mhux lilu u lil James Mallia li kienu flimkien? It-tnejn li huma qed jigdbu biex għal xi raġuni li ma nafux, dawn lilek jagħtuk kastig biex ngħidu hekk*, l-imputat wieġeb *iva, mela użgur. … Ma nafx x'għandhom f'moħħhom, aħjar tistaqsi lilhom.*

In fine, in ri-eżami l-imputat iġġustifika l-fatt li ma qal xejn dwar l-akkużi kontra tiegħu da parte ta' Warren Farrugia fil-ħin ta' l-arrest għar-raġuni li f'każ ieħor li huwa kellu kien ġie intortament akkużat minn persuna wara li kien hu li għenu jmur għand il-Pulizija u anke kien ħadu l-clinic wara li kien ġie aggredit ġewwa Paceville.

Ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li x-xhieda ċentrali f'dawn il-proċeduri huma Warren Farrugia u l-imputat, li però jagħtu verżjonijiet għal kollox kontrarji għal xulxin. Warren Farrugia huwa mija fil-mija ċert illi dakinhar tat-2 ta' Novembru 2019 ġewwa l-istabiliment Havana, għall-ħabta tat-3:30a.m., l-imputat garalu xi ħaġa tal-ħġieġ, laqtu fuq moħħu bil-konsegwenza li għamillu ferita li kellha bżonn sitt punti, filwaqt li l-imputat huwa mija fil-mija ċert li dakinhar huwa ma għamel xejn lil Warren Farrugia, anzi lanqas biss kien raħ ġewwa Havana u ma nnota li kien ġara xejn.

Huwa ormai stabbilit fis-sistema ġuridika nostrali li *meta ġudikant ikun rinfaċċjat b'żewġ versjonijiet konfliġġenti … jistgħu jiġru żewġ affarijiet: jew il-ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement pruvat, u allura għandu jillibera; jew, jekk ikun moralment konvint li l-versjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaċċetta, u, jekk dik il-versjoni tkun timporta l-ħtija ta' l-imputat jew akkużat, allur jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena…*[24].

Kif ingħad ukoll mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Cuschieri**, deċiża fit-30 ta' Marzu 2017, *illi kemm il-liġi kif ukoll il-ġurisprudenza ifasslu linji gwida għal min huwa fdat f'idejh il-ġudizzju meta rinfaċċjat bil-kunflitt fil-provi. Huwa minnu illi fil-kamp penali l-grad tal-prova li għandha tilħaq il-Prosekuzzjoni huwa wieħed oneruż ferm, madanakollu mhux kull kunflitt fil-provi neċessarjament ifisser li għal ġudikant jew għal ġurija popolari illi tkun nibtet fihom iż-żerriegħa tad-dubbju raġonevoli. Għaliex żewġ verżjonijiet kontrastanti xorta waħda jistgħu jwasslu għal sejbien tal-ħtija fil-grad rikjest mill-liġi meta waħda mill-verżjonijiet għandha aktar mis-sewwa mill-oħra, meta wieħed jeżamina iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

[24] Il-Pulizija v. Martin Mark Ciappara, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002. Il-Pulizija v. Edward Scerri, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-17 ta' Marzu 2016.

Fil-każ in eżami ma hemm l-ebda dubju li dakinhar tat-2 ta' Novembru 2019 għall-ħabta tat-3:30a.m. ġewwa Paceville, senjatament ġewwa l-istabiliment Havana Club, Warren Farrugia sofra ferita f'rasu, senjatament f'moħħu. Dana huwa kkonfermat mhux biss mill-istess Farrugia[25] u minn sieħbu James Mallia[26] iżda anke minn PC1023 Fabrizio Farrugia[27] li dakinhar kien ħdejn il-Prison Van ġewwa Paceville, minn PS1540 Edmond Fenech[28] li wkoll kien Paceville u mit-Tabiba Dr. Cheryl Kay Cachia[29] li invistat u mmedikat lil Warren Farrugia ġewwa id-Dipartiment ta' l-Emerġenza ta' l-Isptar Mater Dei.

Warren Farrugia u James Mallia entrambe jikkontendu li l-imputat gara tazza tal-ħġieġ mill-viċin lejn Farrugia u laqtu f'moħħu. Għalkemm huwa minnu li in kontro-eżami James Mallia qal li seta' kien flixkun tal-ħġieġ u fir-Relazzjoni tiegħu l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri indika li Warren Farrugia qallu li intlaqat b' flixkun tal-ħġieġ, irid jiġi apprezzat li dan kollu ġara f'leħħa ta' berqa, jew kif jgħid Warren Farrugia, *in a split of a second*, u mad-daqqa Farrugia ntela' kollu demm u James Mallia mill-ewwel ħarġu 'l barra minn Havana sabiex isibu l-għajnuna. Li huwa żgur huwa li Farrugia u Mallia jikkontendu li l-imputat gara xi ħaġa tal-ħġieġ mill-viċin lejn Warren Farrugia, laqtu f'moħħu u ferieħ.

L-imputat da parte tiegħu jikkontendi li ma jistax ikun li huwa gara xi ħaġa tal-ħġieġ lejn Warren Farrugia għas-sempliċi raġuni li ġewwa Havana jintużaw biss tazzi tal-plastic. Jikkontendi li din l-affermazzjoni tiegħu ġiet ikkonfermata minn Joseph Rivans, Manager ta' l-imsemmi stabiliment. In effetti in eżami għall-mistoqsija *hawnhekk xehed manager u tiftakar staqsejnieh din id-domanda u x'qalilna?* l-imputat wieġeb *iva. … qal li huma jservu f'tazzi tal-plastic. Jiena tazza tal-plastic kelli, issa ma nafx jekk forsi din it-tazza tal-plastic jekk xi ħadd waddabielu weġġgħetu daqshekk u fejn kont jien ma tgħidx kont ma' ġenbu u forsi waħħal fija ħa ngħid hekk għaliex kont ma' ġenbu. Jiena lanqas biss rajtu*[30].

Minn konsiderazzjoni tax-xhieda ta' Joseph Rivans però jirriżulta li bħala fatt ġewwa Havana Club ma jintużawx biss u esklussivament tazzi tal-plastic kif jikkontendi l-imputat imma jintużaw ukoll tazzi tal-ħġieġ għal dak li huma tazzi tax-xampjana u shooters. In effetti Joseph Rivans għall-mistoqsijiet *fl-istabbiliment, ix-xorb, f'liema tip ta' reċipjent jiġi servut? Fit-tazzi tal-ħġieġ jiġu servuti?* wieġeb *fit-tazzi tal-plastic* għall-ewwel mistoqsija u għat-tieni mistoqsija wieġeb *tal-ħġieġ normalment tazzi tax-xampanja u xi shooter glasses*[31]. Kwindi altru milli ma jistax ikun li l-imputat qatt ma seta' gara oġġett tal-ħġieġ lejn Warren Farrugia għaliex ġewwa Havana ma jintużawx tazzi tal-ħġieġ.

Warren Farrugia jgħid li x'ħin kien sejjer lejn it-toilets ta' l-isabiliment in kwistjoni f'daqqa waħda tfaċċa l-imputat u garalu tazza tal-ħġieġ. Huwa già kien lemaħ lill-imputat ġewwa l-istabiliment u pprova jevitah, tant illi għadda minn wara kolonna

---

[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2019, fol. 33 sa' 42 tal-proċess.
[26] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2019, fol. 43 sa' 49 tal-proċess.
[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2019, fol. 52 tal-proċess.
[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Jannar 2020, fol. 65 sa' 71 tal-proċess.
[29] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2019, fol. 50 tal-proċess u ċertifikat mediku markat bħala Dok. "E" a fol. 8 tal-proċess.
[30] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2021, fol. 102 sa' 111 tal-proċess.
[31] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Diċembru 2019, fol. 60 u 61 tal-proċess.

li hemm fit-triq lejn it-toilets, iżda kif qabeż il-kolonna ra lill-imputat li garalu t-tazza u kif mad-daqqa dar reġa' ra lill-imputat bil-wieqfa ħdejh. Dak affermat minn Warren Farrugia ġie kkoroborat minn James Mallia li dak il-ħin kien miegħu sejjer lejn it-toilets ukoll. L-imputat mill-banda l-oħra jgħid li dakinhar ta' l-akkadut huwa lanqas biss ra lil Warren Farrugia ġewwa l-istabiliment Havana u lanqas ta' każ li nqalgħet kommossjoni fil-ħin li Farrugia jgħid li ntlaqat f'wiċċu, senjatament f'moħħu. Jikkontendi li dak il-ħin kien aljenat għaliex kien qed jitkellem ma' żewġ tfajliet mal-bar u fl-istess ħin għaliex kienet qed tibgħatlu tfajla fuq il-mobile. Stranament però għal raġunijiet li jaf huwa biss, l-imputat la ressaq bħala xhieda lil dawn iż-żewġ tfajliet li allegatament kien qed jitkellem magħhom mal-bar għall-fini li jikkorobora li fil-ħin li Farrugia jgħid li ntlaqat huwa kien magħhom u ma ċċaqlaqx minn ħdejhom u lanqas ressaq prova li f'dak il-ħin huwa kien qed jikkomunika ma' xi ħadd, jew aħjar ma' din l-allegata tfajla, fuq il-mobile u b'hekk ma setax ikun li fl-istess ħin gara tazza tal-ħġieġ lejn Farrugia.

Hawn il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 638(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta illi jipprovdi li *bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ jkun jagħti, u li ma jitħalla barra l-ebda xhud li x-xhieda tiegħu tkun importanti*, regola din li għandha tapplika bl-istess qies għall-Prosekuzzjoni kif ukoll għad-Difiża. Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Omissis**, deċiża fis-26 ta' Ottubru 2017, *għalkemm il-persuna akkużata għandha d-dritt għas-silenzju u mhi obbligata tipprova xejn, madanakollu jekk tagħżel li trid tagħmel xi prova anke permezz tax-xhieda tagħha, allura fil-konfront ta' l-akkużat għandhom japplikaw dawk ir-regoli kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-apprezzament tal-provi. L-akkużat allura għandu jipprova dak allegat minnu sal-grad tal-probabbli u jekk dan il-grad tal-prova ma jilħqux allura jkun qed ixejjen dak minnu allegat. Fil-fatt is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 634 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi testwalment: "id-disposizzjonijiet tal-liġi dwar ix-xhieda jgħoddu għall-imputat jew akkużat li jagħti x-xhieda tiegħu taħt ġurament.*

Meta l-imputat jikkontendi li ma ċċaċqlaqx minn fejn kien mal-bar ta' l-istabiliment Havana u b'hekk ma setax ikun hu li gara oġġett tal-ħġieġ lejn Warren Farrugia u in sostenn ta' dan jgħid li dak il-ħin kien qed jitkellem ma' żewġ tfajliet, huwa diffiċilment jista' jitwemmen meta lil dawn il-persuni jew persuni oħra li forsi rawh dak il-ħin u x'kien qed jagħmel ma tellahomx bħala xhieda biex jikkoroboraw il-verżjoni tiegħu u b'hekk effettivament jiskolpa ruħu minn kull responsabilità għall-akkadut.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti hija iktar propensa temmen il-verżjoni tal-fatti kif mogħtija minn Warren Farrugia u kkoroborata minn James Mallia milli l-verżjoni tal-fatti kif mogħtija mill-imputat, li ma ġiex ikkoroborata bl-ebda mod. Apparte minn hekk, il-kredibilità ta' l-imputat ġiet minnu stess preġudikata w effettwata negattivament meta konvenjentement għażel li jimminimizza u addirittura jinsa li fiż-żmien in kwistjoni kellu proċeduri istitwiti kontra tiegħu fuq rapport ta' l-istess Warren Farrugia u li già fil-passat kien tressaq il-Qorti għal inġuri u theddid fil-konfront ta' terza persuna, ċerta Josephine Camilleri, każ dan li huwa rifless fil-fedina penali tiegħu. Dawn huma ċirkostanzi li fil-fehma tal-Qorti wieħed qajla jista' jinsihom jew jittrattahom bħala ħaġa ta' xejn.

Għaldaqstant, jiġi ribadit, il-Qorti hija iktar konvinta mill-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Warren Farrugia u kkoroborata minn James Mallia milli mill-verżjoni tal-fatti kif mogħtija mill-imputat u b'hekk hija konvinta li dakinhar tat-2 ta' Novembru 2019, għall-ħabta tat-3:30a.m. fl-istabbiliment Havana Club, fi Triq San Ġorg, San Ġiljan, l-imputat gara tazza tal-ħġieġ mill-viċin lejn Warren Farrugia bil-konsegwenza li laqtu f'moħħu u ferieħ.

Bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 17 ta' Jannar 2020[32], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija taħt dak li hemm maħsub fl-Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imsemmija artikoli tal-Liġi jipprovdu li -

- **Artikolu 214** - *kull min mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.*
- **Artikolu 215** - *L-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa.*
- **Artikolu 218** - *L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa' għaxar snin - (a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa, jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti ta' l-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ; (b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn ta' l-offiż; (ċ) jekk, meta issir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort. (2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.*

Min-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju huwa evidenti li skond l-Avukat Ġenerali din il-Qorti tista' jew aħjar għandha ssib ħtija fl-imputat għar-reat ta' offiża gravissima, li hija appuntu t-tip ta' offiża prevista u kontemplata fl-Artikolu 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward tal-ġerħa o meglio llum ċikatriċi fuq moħħ Warren Farrugia, l-Espert Mediku t-Tabib Dr. Mario Scerri kkonstata li *ċ-ċikatriċi fuq in-naħa tal-lemin tal-moħħ (forehead) kienet riżultat ta' laċerazzjoni, riżultat ta' blunt trauma u din tibqa' bħala marka permanenti fuq il-wiċċ li tidher from within talking distance.* Din iċ-ċikatriċi tidher fir-ritratti ta' wiċċ u moħħ Warren Farrugia meħuda mill-istess Espert Mediku u formanti parti mir-Relazzjoni tiegħu[33].

Ikkunsidrati dawn ir-ritratti u anke l-osservazzjonijiet magħmula mill-Espert Mediku t-Tabib Dr. Mario Scerri, il-Qorti hija tal-fehma li din iċ-ċikatriċi, għad illi tibqa' bħala marka permanenti fuq il-wiċċ li tidher *from within talking distance*, ma tikkwalifikax għar-reat ta' offiża gravissima kontemplat fl-Artikolu 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda tikkwalifika għar-reat minuri u kompriż ta' offiża gravi kontemplat fl-Artikolu 216 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament fis-subartikolu (1)(b) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi.

---

[32] Fol. 73 tal-proċess.
[33] Dok. "MS" a fol. 77 sa' 87 tal-proċess.

L-Artikolu 216(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *l-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa' seba' snin - (a) jekk tista' ġġib periklu - (i) tal-ħajja; jew (ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew (iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella (iv) ta' marda permanenti tal-moħħ; (b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn ta' l-offiż; (ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218; (d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu; (e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħla teħles qabel iż-żmien.*

Dan l-Artikolu tal-Liġi u b'mod partikolari l-elementi tal-mankament jew sfreġju fil-wiċċ, ġew trattati *funditus* mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. William Mercieca**, deċiża fl-20 ta' Ġunju 2014, fejn appuntu ġie osservat illi: *il-Qorti eżaminat il-kliem użat fl-artikolu 216. Fil-verżjoni Ingliża jintużaw il-kliem 'deformity' or 'disfigurement'. Skond il-Macmillan English Dictionary 'deformity' tfisser 'a part of someone's body that is not the normal shape'. Min-naħa l-oħra l-kelma 'disfigurement' tfisser to spoil the appearance of someone or something'. Fid-dizzjunarju tiegħu 'Malti-Ingliż' il-Professur Ġużè Aquilina jagħti dawn l-espressjonijiet. Għall-kelma 'sfreġju' huwa jagħti l-kelma 'disfigurement', 'gash', 'cut', 'scar', jew 'slash' waqt li għall-kelma mankament huwa jagħti 'deficiency', 'imperfection' u 'disfigurement'. Min-naħa l-oħra, skond in-Noti tal-Professur Mamo - (Part II paġna 228): "The word 'deformity' stands for the word 'deformità' in the old Italian text of our law, and the word 'disfigurement' stands for the word 'sfregio' therein. Now to 'deform' implies something more serious than to 'disfigure". Any external injury which detracts from the appearance of the face or of the neck or of either of the hands - the most conspicuous parts of the human body - provided it is not too trivial - will be a sufficient 'disfigurement' to make the bodily harm grevious. The word 'sfregio' used with reference to the face in article 372 of the Italian Code of 1889, on which our provision was identically modelled, was officially interpreted as including 'qualunque mocumento che può recarsi alla regolarità del viso dell'armonia dei suoi lineamenti od anche della sua bellezza'. (Relazione Ministerial sul progetto del 1887, n. CXLVIII). If the injury is more marked as to give to any of those parts of the body affected an unpleasant appearance, as by causing a considerable alteration of the tissues, then the disfigurement becomes deformity. But it must be clearly noted that, in our law, in order that the bodily harm may be considered grievous, it is not necessary that the deformity or disfigurement of the face or of the neck or of either of the hands be serious and permanent'.*

Fir-rigward tar-reat ta' offiża gravissima ai termini ta' l-Artikolu 218 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod partikolari ai termini tas-subparagrafu (b) tas-subartikolu (1) l-imsemmi artikolu tal-Liġi, u kif dan jiddifferenzja ruħu mir-reat ta' offiża gravi ai termini ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Farrugia**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-15 ta' Frar 2012, fejn ġie osservat illi *din il-Qorti tagħmel*

*referenza l-ewwelnett għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presejeduta fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi" mogħtija fit-30 ta' Lulju 2004 fejn intqal: "Il-kwistjoni ta' jekk offiża hix waħda ħafifa u ta' importanza żgħira, ħafifa, gravi jew gravissima hi waħda ta' fatt u għalhekk rimessa għall-ġudikant tal-fatt (fil-każ ta' ġuri għalhekk rimessa f'idejn il-ġurati; fil-każ odjern rimessa f'idejn il-ġudikant ta' l-ewwel grad - il-Maġistrat - u issa f'idejn l-Imħallef sedenti). Ma hix, għalhekk, kwistjoni li tiddependi neċessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bħala fatt; u, jekk il-Qorti tippermettilhom, jistgħu joffru l-opinjoni tagħhom dwar, fost affarijiet oħra, kif setgħet ġiet ikkaġunata dik l-offiża, jew ma xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu ġew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbagħad għall-ġudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib iżda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiża". ... Bħalma ntqal fis-sentenza "Il-Pulizija v. Fortunato Sultana", mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-5 ta' Frar 1998, il-liġi ma tirrikjedix li l-isfreġju jipperdura għal xi żmien partikolari. Sfreġju fil-wiċċ, fl-għonq jew f'waħda mill-idejn anke ta' ftit ġranet jibqa' sfreġju għall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfreġju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravità, tagħti lok għall-hekk imsejħa "offiża gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija v. Francis Dingli" deċiż fit-12 ta' Settembru 1996, intqal: "L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li offiża hija gravi jekk iġġib mankament jew sfreġju f'ċerti postijiet tal-ġisem, fosthom fil-wiċċ ta' l-offiż. Ma huwiex meħtieġ li dan il-mankament jew sfreġju jkun permanenti jew li jdum għal ċertu numru ta' sigħat, ġranet, ġimgħat jew xhur. Jekk, imbagħad, l-isfreġju jkun gravi u permanenti jkun hemm il-figura ta' l-hekk imsejjħa offiża gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b). .... L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-Qorti tiddeċiedi jekk offiża ġġibx sfreġju fil-wiċċ o meno jrid jgħaddi ċertu żmien ħalli wieħed jara l-effetti li tħalli l-ferita in kwistjoni fil-wiċċ. Dan mhux korrett. Kif già ngħad, għall-finijiet ta' l-Artikolu 216(1)(b) sfreġju anke ta' ftit ġranet, per eżempju sakemm is-suturi jew ponti jkunu għadhom f'posthom, jammonta għal offiża gravi, għalkemm wara li jitneħħew il-ponti u jgħaddi aktar żmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bħala sfreġju". Imbagħad fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija v. Paul Spagnol", deċiż fit-12 ta' Settembru 1996, ġie spjegat: "Sfreġju, mill-banda l-oħra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fir-regolarità tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ. Skond ġurisprudenza ormai paċifika, din il-ħsara li tammonta għal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin" (Il-Pulizija v. Emily Zarb, App. Krim. 15/2/58, Kollez. Deċiż. XLII.iv.1245, 1248)". Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li ntqal fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija v. Antonio sive Anthony Randich", deċiż fit-2 ta' Settembru 1999: "Kif din il-Qorti kellha l-opportunità li tirrimarka f'okkażżjonijiet oħra, l-isfreġju (disfigurement) fil-wiċċ (jew fl-għonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bħal, per eżempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-każ ta' l-hekk imsejjħa 'offiża gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li il-liġi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravità) ta' l-isfreġju. Mir-ritratti esibit din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tikkwalifika l-offiża f'wiċċ Sultana bħala sfreġju (għalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiża kienet tiddisturba l-*

*armonija l-lineamenti tal-wiċċ u kienet tidher minn distanza normali". … Fil-każ ta' l-artikolu 216(1)(b) l-offiża trid tikkostitwixxi sfreġju filwaqt illi fil-każ ta' l-artikolu 218(1)(b) l-isfreġju jrid ikun "gravi u permanenti".*

Applikati l-prinċipji ġuridiċi hawn appena ċitati għall-każ in eżami din il-Qorti hija tal-fehma li b'konsegwenza ta' l-aġir ta' l-imputat, Warren Farrugia sofra sfreġju f'wiċċu, senjatament fuq moħħu, sfreġju dan li għalkemm huwa permanenti u jiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ u jidher minn distanza normali - ossia *from within talking distance* - ma huwiex tali li jikkawża xi forma ta' ribrezz. Għaldaqstant l-offiża sofferta minn Warren Farrugia ma tistax u ma għandhiex titqies bħala offiża ta' natura gravissima ai termini ta' l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda għandha titqies bħala offiża ta' natura gravi ai termini ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u huwa ta' tali reat li l-imputat għandu jinstab ħati u debitament sentenzjat.

Fid-dawl ta' dawn kollu għalhekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxiela tipprova l-ħtija ta' l-imputat għall-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu ai termini ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat kif ukoll iċ-ċirkostanzi ta' l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, l-entità tal-ferita subita minn Warren Farrugia u anke l-fedina penali ta' l-imputat.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 214, 215 u 216(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija iżda peress illi fil-fehma Tagħha jississistu ċirkostanzi, senjatament il-fatt li l-imputat għad illi ma għandux fedina penali netta ir-reati fiha indikati ma humiex tali li jiġġustifikaw sentenza ta' habs f'dan il-każ, in forza ta 'liema tali terminu ta ' priġunerija hawn impost jiġi sospiż, ai termini ta 'l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta qed tissosspendi it-terminu ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija hawn impost fuq l-imputat għall-perijodu ta 'sentejn (2) dekoribbli mid-data ta ' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

A tenur ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Warren Farrugia. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għall-perijodu ta' sentejn (2) li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Fil-fehma tal-Qorti fid-dawl tal-ħruġ ta' l-Ordni ta' Trażżin ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Warren Farrugia, ma hemmx il-ħtieġa ta' l-applikazzjoni tal-provvedimenti ta' l-Artikoli 383, 384, 385, 386 u 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi mill-provi prodotti u mill-atti proċesswali ma tirriżultax il-ħtieġa li l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' Trattament, fil-fehma tal-Qorti lanqas ma hemm lok għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi fil-każ in eżami ma ġew ikkwantifikati l-ebda danni li Warren Farrugia seta' sofra minħabba l-aġir ta' l-imputat fil-konfront tiegħu u l-konsegwenti sfreġju f'moħħu, il-Qorti tqis li fil-każ in eżami ma tistax tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 532A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali s-somma ta' €262.50 rappreżentanti l-ispejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Mediku t-Tabib Dr. Mario Scerri.

Ai termini ta' l-Artikolu 370(6) u ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti ta' dawn il-proċeduri flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**